15 ta' Diċembru, 1945.

Imħallfin:

Is-S.T.O. Sir George Borg, Kt., M.B.E., LL.D., *Pres.*
L-Onor. Prof. Dr. E. Ganado, LL.D.
L-Onor. Dr. L. A. Camilleri, LL.D.

Carmelo Sammut, Ph.C. *versus* Manwel Grech

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Ripreża tal-Pussess ta' Fond — Żwieġ.**

***Il-fatt li wieħed jiżżewweġ u b'dak iż-żwieġ tiegħu jiġi fil-pożizzjoni li jkollu bżonn dar fejn joqgħod, ma huz ta' ostakolu għad-domanda biex jieħu l-pussess ta' fond mikri għand ħadd ieħor.***

***Fil-każ, il-Qorti ta' l-Appell irrevokat is-sentenza tal-Board tal-Kera, li kien irritjena li s-sid ma setax jieħu taħt idejh il-fond tiegħu mikri biex jagħtih lill-ibnu, għax dan ibnu kien ġie fil-bżonn ta' dar bil-fatt tiegħu stess, għax kien iżżewweġ.***

Il-Qorti — Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Board li jirregola l-Kera biex jieħu taħt idejh il-fond nru. 120, St. Rocco Street, Birkirkara, mikri lill-intimat, għax iridu biex jagħtih lill-ibnu Dr. William Sammut;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija mill-Board fuq imsemmi fl-4 ta' Ottubru 1945, fejn ċaħad it-talba, bl-ispejjeż kontra r-rikorrent; wara li kkunsidra;

Li Dr. William Sammut iżżewweġ f'Diċembru 1944 u mar joqgħod fid-dar ta' omm il-mara, fejn għandu għall-użu

esklużiv tiegħu kamra waħda u "ante room" li sservieh bħala kċina; li għalkemm il-kondizzjonijiet ta' l-attur mhumiex ideali, dawn però ikkreaħom hu bil-fatt tiegħu volontarju, u għalhekk fil-konfront ma' l-intimat ma jistax jakkampa "hardship";

Illi kif is-sid ma jistax jieħu pussess ta' dar biex jagħtiha lit-tifel tiegħu li jkun irid jiżżewweġ, hekk f'dan il-każ ma jistax jieħu pussess; diversament is-sid dejjem ikun jista' jieħu pussess billi jikkrea huwa dik is-sitwazzjoni li sab ruħu fiha;

Illi veru li l-intimat talab ir-ripreża tal-pussess ta' fond ieħor tiegħu, liema talba għadha pendenti quddiem il-Board; iżda b'dan il-mod tibqa' sejra katina sakemm jasal l-aħħar wieħed li ma jkollux fejn imur;

Illi għalhekk ir-rikorrent huwa "reasonably suitably accommodated";

Rat ir-rikors tar-rikorrent Carmelo Sammut Ph.C., fejn talab ir-revoka ta' dik is-sentenza, u għalhekk tiġi milqugħa t-talba ta' l-appellant magħmula fir-rikors għall-Board; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi;

*Omissis*;

**Tikkunsidra;**

Illi rriżulta mill-provi li r-rikorrent irid dan il-post għat-tifel tiegħu li żżewweġ f'Diċembru 1944, u li preżentement qiegħed ma' missier il-mara............. Taħt dawn il-kondizzjonijiet ma jistax jiġi stabbilit illi Dottor Sammut huwa "reasonably suitably accommodated", u għalhekk ir-rikorrent, li jrid il-post għal dan it-tifel tiegħu, għandu d-dritt skond il-liġi jieħu pussess ta' dan il-post;

**Tikkunsidra;**

Illi l-fatt li din is-sitwazzjoni ġiet kreata biż-żwieġ tat-tifel tar-rikorrent huwa irrilevanti, għaliex, kif tajjeb issottometta l-appellant, kieku dan għandu jiġi akkampat bħala ostakolu biex wieħed jista' jieħu pussess tal-post tiegħu, jista' eventwalment iġib għal konsegwenzi li jkunu addirittura immorali. Il-leġislatur dejjem qagħad attent, *miż-żmien tad-Dritt Ruman*, li ma jsirux kondizzjonijiet tali, sew in okkażjoni

ta' suċċessjonijiet sew f'każijiet oħra, li jistgħu anki indirettament jimpedixxu jew jostakolaw iż-żwieġ; u għalhekk il-leġislatur qatt ma seta' kellu f'din il-liġi tal-kera l-idea li jidderoga għall-prinċipju hekk fondamentali fil-liġi tagħna;

Tikkunsidra;

Illi lanqas huwa aċċettabbli l-argument addott mill-appellat li b'dan il-mod is-sid ikollu dejjem okkażjoni jieħu pussess tal-post, għaliex ċertament huwa ma jkunx sejjer jikkrea din is-sitwazzjoni taż-żwieġ tat-tfal tiegħu biex jieħu l-post; iżda la darba jkun hemm dak iż-żwieġ, allura tiġi l-kwistjoni jekk it-tifel tiegħu li jkun iżżewweġ ikunx jew le "reasonably suitably accommodated";

Tikkunsidra;

Illi l-kliem "reasonably suitably accommodated" għandhom jittieħdu obbjettivament biex jiġi kunsidrat l-istat li qiegħed fih is-sid raġjonevolment huwiex "suitably accommodated"; u taħt iċ-ċirkustanzi jidher li l-"hardship" tar-rikorrent ikun akbar jekk it-talba tiġi respinta minn dak ta' l-intimat jekk tiġi milqugħa;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tilqa' l-appell tar-rikorrent Carmelo Sammut Ph.C., u għalhekk tilqa' t-talba tiegħu u għall-fini ta' l-iżgumbrament tagħti lill-appellat iż-żmien ta' xahrejn mil-lum. L-ispejjeż in vista taċ-ċirkustanzi tal-każ ma jkunux taxxati bejn il-partijiet, iżda d-dritt tar-reġistru għaż-żewġ istanzi jitħallas mill-appellat; u f'dan is-sens tirriforma s-sentenza li minnha hemm appell.